



Dokument ta' sessjoni

A9-0378/2023

29.11.2023

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (COM(2023)0359 – C9-0213/2023 – 2023/0207(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Paolo Borchia

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

| | |
|--|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 24 |
| ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVET INPUT | 26 |
| PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI | 27 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 28 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa
(COM(2023)0359 – C9-0213/2023 – 2023/0207(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0359),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 185 u 188(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0213/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0378/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b' mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b' mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu █

2023/0207 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 185 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (-1) *Is-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa tikkostitwixxi għodda ta' suċċess għall-fini tal-progress fir-riċerka u l-innovazzjoni, b' mod partikolari fir-rigward tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti li huma ta' rilevanza strateġika għall-interessi tal-Unjoni u, f'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2021 dwar il-Global Gateway, għandhom bżonn urġenti ta' proġetti ta' tfassil li jkunu sostenibbli u ta' kwalità għolja, u jiġu implimentati b'livelli għoljin ta' trasparenza u standards.***
- (-1a) *Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2021 dwar "l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel", impenjat ruħha li ssaħħaħ ir-rwol ewlieni tal-Unjoni fl-appoġġ tas-sħubijiet multilaterali tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tipprovdi soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ekoloġiċi, diġitali, tas-saħħa, soċjali u tal-innovazzjoni.***

¹ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) imwettqa b' mod konġunt minn bosta Stati Membri” (COM(2016) 662 final — 2016/0325 (COD), C 125, 21.4.2017, p. 80.

- (-1b) *Fil-komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li l-politiki kollha, inklużi dawk dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni permezz ta' mudell ġdid ta' kooperazzjoni li jinvolvi lill-investituri privati, kif ukoll il-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u lill-infrastruttura sostenibbli. Ix-xjenza u t-teknoloġija għandhom rwol dejjem aktar importanti fix-xenarju ġeopolitiku u jistgħu jappoġġaw l-isforzi diplomatiċi b'ħafna modi, inklużi l-promozzjoni u d-difiża tal-valuri Ewropej bħal-libertà akkademika, l-etika, l-integrità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Jenħtieġ li PRIMA tistinka biex isservi bħala mudell reġjonali għad-diplomazija dwar ix-xjenza u jenħtieġ li trawwem ukoll relazzjonijiet mal-pajjiżi Mediterranji li għadhom ma jipparteċipawx fi PRIMA.*
- (-1c) *L-ambitu tematiku ta' PRIMA, jiġifieri s-sistemi agroalimentari u l-provvisti integrati tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran, dejjem qed isir aktar ta' attwalità. Ir-riċerka turi li l-iskarsezza tal-ilma hija kontributor importanti għaż-żieda fil-migrazzjoni globali. It-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali assoċjati għandhom impatt devastanti fuq il-produzzjoni agrikola. Miżuri preventivi u ta' adattament, bħall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' desalinizzazzjoni kosteffiċjenti, il-protezzjoni fitosanitarja tal-ispeċijiet tal-pjanti, bħas-siġar taż-żebbuġ, u ż-żieda fit-tolleranza tal-pjanti għall-fatturi ta' stress ambjentali, huma għalhekk importanti għaliex ikunu ta' adattament effiċjenti biex jikkumbattu t-tibdil fil-klima. Skont is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma II tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-ekosistemi Mediterranji huma mistennija li jkunu fost l-aktar milquta mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima li qed javvanza. PRIMA tikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tar-reġjun biex ikun fuq quddiem fis-soluzzjonijiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima.*
- (-1d) *Jenħtieġ li jiġu evitati duplikazzjonijiet possibbli bejn PRIMA u proġetti oħra ta' riċerka u innovazzjoni mwettqa taħt Orizzont Ewropa jew taħt strumenti oħra tal-Unjoni, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), filwaqt li jenħtieġ li PRIMA tfittex u tippromwovi b'mod attiv sinerġiji u komplementarjetajiet ma' sħubijiet reġjonali, Ewropej u internazzjonali oħra, u ma' programmi ta' riċerka kollaborattiva oħra b'objettivi komuni u attivitajiet korrispondenti.*
- (-1e) *Sejba inkwetanti tal-Evalwazzjoni Interim tas-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) hija li l-Istati Parteċipanti tan-Nofsinhar tal-Mediterran (SM PS) irċeview biss 28 % tal-fondi totali allokatu mill-Programm sa Marzu 2022. Huwa imperattiv li PRIMA tappoġġa firxa ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, inklużi l-bini ta' kapaċitajiet, taħriġ u sinerġiji bejn proġetti individwali biex jitrawwem il-bini ta' komunitajiet li jwasslu aktar fit-tul, tiżdied il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u tiżdied ir-rata ta' assorbiment tal-Istati Parteċipanti tan-Nofsinhar tal-Mediterran.*
- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² ġiet adottata taħt il-Programm Qafas preċedenti għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jiġifieri Orizzont 2020, għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2028.

² Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li

- (2) F'konformità mal-att bażiku PRIMA, is-sejthiet finali għall-proposti skont il-programm ta' ħidma annwali rilevanti se jitnedew fl-2024 u l-azzjonijiet indiretti kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni se jiġu ffinalizzati sal-2028.
- (3) L-Istati Membri li jipparteċipaw fi PRIMA ddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu bl-inizjattiva konġunta tagħhom lil hinn mill-2024 u appellaw biex l-Unjoni tkompli tipparteċipa fl-istess qafas istituzzjonali tal-Artikolu 185 *tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*.
- (3a) *Il-programm PRIMA huwa implimentat mill-istruttura ta' implimentazzjoni ta' PRIMA (PRIMA-IS), stabbilita f'Barċellona. Meta jitqies li PRIMA hija wieħed mill-aktar żviluppi reċenti tas-Sħubija Ewro-Mediterranja, magħrufa wkoll bħala l-Proċess ta' Barċellona, li ġiet stabbilita fl-1995 bil-għan li jtrawmu l-istabbiltà, il-prosperità u d-djalogu fil-Viċinat tan-Nofsinar, il-post tagħha kien strumentali għall-effettività u l-effiċjenza ta' PRIMA.*
- (4) Peress li r-raġunament u l-oġettivi inizjali tas-sħubija ta' PRIMA għadhom validi, *speċjalment billi l-invażjoni totali tal-Ukrajna mir-Russja kompliet tiddestabilizza s-swieq agrikoli fin-Nofsinar tal-Mediterran, li huma diġà fraġli, u b'hekk it-tranżizzjoni lejn is-sistemi tal-ikel sostenibbli hija prijorità saħansitra aktar urġenti għas-soċjetajiet tal-Mediterran*, u r-rapport ta' evalwazzjoni interim³ ikkonkluda li PRIMA hija strument ta' suċċess b'valur miżjud għall-Unjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprovdni appoġġ finanzjarju biex PRIMA tkun tista' tiffinanzja azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt l-istess ambitu tematiku sal-2027, u għib dak l-istrument f'sinkronizzazzjoni mal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-Unjoni u maċ-ċikli ta' programmazzjoni allinjati mal-QFP tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni. Barra minn hekk, id-durata ġenerali ta' PRIMA jenħtieġ li tiġi estiża sal-2031 biex tippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni appoġġati.
- (4a) *Barra minn hekk, jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet futuri ta' PRIMA jkopru l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-oġettivi tas-sħubija msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, filwaqt li titqies ukoll żieda korrispondenti fl-allokazzjoni finanzjarja għal PRIMA. B'mod partikolari, l-estensjoni jenħtieġ li tkopri l-R&I fl-enerġija u l-R&I relatati mal-klima, filwaqt li jitqies l-impatt ta' portafolli ġodda dwar riżorsi primarji oħra (jiġifieri l-ilma, l-art u l-agrikoltura). Dan joħloq opportunitajiet għal oqsma ta' riċerka li bħalissa mhumiex indirizzati u jippromwovi applikazzjonijiet f'setturi oħra. B'mod partikolari, approċċ għdid tar-rabta bejn l-Ilma u l-Enerġija u l-Ikel jista' jgħin lil dawm li jieħdu d-deċiżjonijiet jifhmu din is-sistema kumplessa tal-enerġija u jintegraw l-ippjanar tar-riżorsi b'għarfien espert tekniku u governanza sodi.*
- (5) L-appoġġ finanzjarju kontinwu tal-Unjoni għal PRIMA jenħtieġ li jiġi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/764⁴, u b'mod partikolari mill-Pilastru II "sfidi globali u Kompetittività Industrijali Ewropea", u r-raggruppament tematiku rilevanti (vi) "Ikel, Bijekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent".

pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

³ COM(2023) 285final

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tat-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 1).

- (5a) ***Huma meħtieġa bidliet fil-ġestjoni tal-programm PRIMA. Evalwazzjoni Interim tas-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) tirrivela potenzjal għal titjib. Ir-rata ta' suċċess fit-Taqsima 1 tant hija baxxa li din tista' tiskoraġġixxi applikanti potenzjali fil-futur. Jenħtieġ li PRIMA-IS u l-Istati Parteċipanti jagħmlu sforzi addizzjonali biex itejbu l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom billi jissimplifikaw il-kumplessità kkawżata minn skemi ta' finanzjament nazzjonali differenti, jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi nazzjonali, inaqqsu ż-żmien għall-għoti u jtejbu l-aċċessibilità għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni.***
- (6) PRIMA hija ffinanzjata skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Għall-finijiet tal-kontinwazzjoni tagħha mill-2025 'il quddiem, jenħtieġ li din tiġi ffinanzjata u operata skont ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶. Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 jenħtieġ li tiġi allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/695 u tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (7) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 jenħtieġ li tkun allinjata mal-objettivi u l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa u mal-prinċipji u l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 10, u fl-Anness III u fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/695. Għalhekk, jeħtieġ li mill-inqas 40 % tal-Istati Membri jipparteċipaw fis-sħubija estiża ta' PRIMA. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-sħubija fi PRIMA topera f'wieħed mill-oqsma ta' prijorità għas-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati, u li l-Istati Parteċipanti kollha jenħtieġ li jesprimu l-impenn finanzjarju tagħhom fit-tul. Dawn il-kundizzjonijiet diġà huma ssodisfati peress li r-rata ta' parteċipazzjoni attwali tal-Istati Membri hija ta' 41 %, is-sħubija fi PRIMA tidħol fil-qasam prijoritarju taż-Żona ta' Sħubija 5: "Soluzzjonijiet sostenibbli, inklużivi u ċirkolari bbażati fuq il-prodotti bijoloġiċi" tal-Anness VI, u l-Istati Parteċipanti ddikjaraw l-impenni finanzjarji fit-tul tagħhom għas-sħubija fi PRIMA.
- (7a) ***Jenħtieġ li PRIMA topera b'mod sempliċi, aġli, miftuħ u trasparenti. Jenħtieġ li PRIMA-IS u l-Istati Parteċipanti jagħmlu sforzi ddedikati biex isaħħu d-djalogu mas-soċjetà, jinkoraġġixxu parteċipazzjoni attiva u jiżguraw li l-pubbliku ġenerali jkun infurmat biżżejjed u fil-ħin dwar l-attivitajiet tagħhom. Għal dak l-għan, PRIMA-IS jenħtieġ li tistabbilixxi strateġija ta' komunikazzjoni affidabbli biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u tal-eżiti tar-riċerka, bl-involviment ta'***

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104)

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1)

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

networks akkademiċi, xjentifiċi u ta' għarfien, is-sħab soċjali u ekonomiċi, il-media, l-SMEs tal-industrija u partijiet ikkonċernati oħra.

- (8) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-Sħubija fi PRIMA jenħtieġ li tkun soġġetta għal impenn formali mill-Istati Parteċipanti li jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja mill-inqas fil-livell tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, il-konformità mal-impenni finanzjarji formali jenħtieġ li tiġi mmonitorjata mill-qrib mill-istruttura ta' implimentazzjoni ta' PRIMA (PRIMA-IS) fuq bażi regolari.
- (9) Għall-fini li jintlaħqu l-oġettivi ta' PRIMA, il-kontribuzzjoni aggregata tal-Istati Parteċipanti jenħtieġ li tkun mill-inqas daqs il-kontribuzzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Parteċipanti jagħmlu kontribuzzjoni li tikkorrispondi għal dik tal-Unjoni fil-qafas ta' Orizzont Ewropa f'konformità mal-prinċipju stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/695. Sabiex jiġi żgurat li dak il-prinċipju jiġi ssalvagwardjat bis-sħiħ, jenħtieġ li jitqiesu biss il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti li saru wara l-31 ta' Diċembru 2024.
- (10) Sabiex jiġi żgurat l-impenn kontinwu tagħhom għall-oġettivi ta' PRIMA ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/695 u l-impenn għal obbligi ġodda skont ir-Regolament (UE) 2021/695 u r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk jenħtieġ li jaċċettaw formalment it-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni emendatorja, billi jikkonkludu ftehimiet mal-Unjoni, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemendaw u jissupplimentaw il-ftehimiet internazzjonali eżistenti għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika konklużi magħhom. Jenħtieġ li dan ma jaffettwax il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet ta' PRIMA ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013.
- (11) Il-kontribuzzjoni ġenerali tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita bħala ammont massimu. Jenħtieġ li jkun possibbli, f'konformità mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) 2021/695, li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni minn Orizzont Ewropa għal PRIMA tiżdied b'tali kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li dan ikun soġġett għall-ammont totali li bih tiżdied il-kontribuzzjoni tal-Unjoni, li mill-inqas tkun tikkorrispondi mill-kontribuzzjoni mill-Istati Parteċipanti.
- (12) B'kont meħud tal-oġettivi ta' PRIMA, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi li ma humiex Stati Parteċipanti jenħtieġ li jkunu eliġibbli biex japplikaw għal finanzjament f'suġġetti speċifiċi ta' sejħiet previsti fil-programm ta' ħidma annwali ta' PRIMA. Jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha, inklużi l-miżuri kuntrattwali, biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu konklużi ftehimiet dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ma' pajjiżi terzi li fihom huma stabbiliti tali entitajiet.
- (13) Filwaqt li l-awditjati *ex post* tan-nefqa fuq azzjoni indiretta ffinanzjata skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 jenħtieġ li jkomplu jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-azzjonijiet indiretti ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa jiġu awditjati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/695.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2021/695 jiffoka aktar fuq l-aċċess għar-riżultati u informazzjoni oħra relatata mal-azzjoni mill-Kummissjoni għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki jew il-programmi tal-Unjoni fil-każ ta' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati. Għalhekk, jenħtieġ li PRIMA-IS tiżgura li l-Kummissjoni jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li tiffinanzja, inklużi l-kontribuzzjonijiet u r-riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti.

Sabiex isostnu l-interess tagħhom, l-Istati Parteċipanti jenħtieġ li jkollhom ukoll aċċess għal informazzjoni relatata ma' proposti li jinkludu applikanti stabbiliti fit-territorji tagħhom. Tali drittijiet ta' aċċess jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta fuq bażi regolari t-tweġġ tal-impenji meħuda mill-Istati Parteċipanti u, wara din il-valutazzjoni, jenħtieġ li tkun awtorizzata tieħu miżuri xierqa, bl-involviment tal-Istati Parteċipanti skont kif xieraq, qabel ma tirrikorri għal miżuri li jtemmu, inaqqsu jew jissospendu l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

(15) L-estensjoni ta' PRIMA teħtieġ monitoraġġ u evalwazzjoni ta' din is-sħubija f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati ma' Orizzont Ewropa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twestaq evalwazzjoni interim ta' PRIMA sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, u evalwazzjoni finali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2031, li jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-evalwazzjonijiet interim u finali ġenerali ta' Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jivvalutaw il-kwalità u l-effiċjenza ta' PRIMA u l-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-oġettivi tagħha ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja billi jimmonitorjaw u jevalwaw din is-sħubija f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti kemm ta' Orizzont 2020, kif ukoll ta' Orizzont Ewropa.*** Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika u xxerred ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' dawh l-evalwazzjonijiet. F'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/695, jenħtieġ li PRIMA jkollha approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, tkun limitata fiż-żmien u tinkludi l-kundizzjonijiet għat-tneħħija gradwali tal-finanzjament taħt Orizzont Ewropa.

(16) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tipparteċipa fis-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (“PRIMA”), sħubija Ewropea istituzzjonalizzata kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, li pparteċipaw fiha b'mod konġunt il-Kroazja, Ċipru, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, Iżrael, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja, it-Tuneżija u t-Turkija (“l-Istati Parteċipanti”), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u man-notifika tal-parteeċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet ta' PRIMA billi jiffirmaw ittra ta' impenn.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u l-Marokk għandhom ikomplu jkunu Stati Parteċipanti għall-finijiet tal-attivitajiet ta' PRIMA ffinanzjati skont l-Artikolu 3(1)(a). Għall-fini tal-parteeċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet ta' PRIMA ffinanzjati

⁸ 25 Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1)

skont l-Artikolu 3(1), il-punt (b), dawn għandhom jitqiesu biss bħala Stati Parteċipanti soġġetti għall-konklużjoni ta' ftehim, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemenda u jissupplimenta l-ftehimiet internazzjonali eżistenti għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni u li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet il-ġodda tal-parteċipazzjoni tagħhom fi PRIMA.”;

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont 2020, għajr xi wieħed minn dawk elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jista' jieħu sehem fi PRIMA dment li jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), u li jikkonforma, b'mod partikolari, mal-Artikolu 11(5). Huma għandhom jiffirmaw ittra ta' impenn li tikkonferma t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fi PRIMA fir-rigward ta' Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa rispettivament.

Stati Membri u pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont 2020 li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu li jkunu Stati Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċizzjoni.

4. Kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa, minbarra dawk elenkati fil-paragrafu 2, jista' jipparteċipa fi PRIMA dment li:

(a) jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), u jikkonforma, b'mod partikolari, mal-Artikolu 11(5);

(b) l-istruttura ta' implimentazzjoni għal PRIMA (“PRIMA-IS”) tapprova l-parteċipazzjoni tiegħu fi PRIMA wara li tkun eżaminat ir-rilevanza tal-parteċipazzjoni tiegħu biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' PRIMA; u

(c) jikkonkludi ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tiegħu fi PRIMA.

Il-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu bħala Stati Parteċipanti għall-finijiet ta' din id-Deċizzjoni.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. PRIMA għandha tikkontribwixxi għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tar-Regolament (UE) 2021/695 u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu u għandha taħdem favur l-oġġettivi ġenerali tal-bini tal-kapaċitajiet ta' rikerka u innovazzjoni u l-iżvilupp tal-għarfien u soluzzjonijiet innovattivi komuni għas-sistemi agroalimentari, li dawn isiru sostenibbli, u favur il-provvista u l-ġestjoni integrati tal-ilma fiż-żona tal-Mediterran, biex dawn is-sistemi, il-ġestjoni tagħhom u l-provvista jkunu magħmulin aktar reżiljenti għall-klima, effiċjenti, kosteffettivi u ambjentalment u soċjalment sostenibbli, u jikkontribwixxu għas-soluzzjoni upstream tal-problemi tal-iskarsezza tal-ilma, is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni, is-saħħa, il-benesseri u l-migrazzjoni.”;

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, inklużi l-approprijazzjonijiet tal-EFTA, għandha tkun daqs il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti għal PRIMA. Il-

kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun sa EUR 325 000 000 u għandha titqassam kif ġej:

- (a) sa EUR 220 000 000 minn Orizzont 2020;
- (b) sa EUR 105 000 000 minn Orizzont Ewropa.

L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni minn Orizzont Ewropa jista' jiżded b'kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi assoċjati ma' Orizzont Ewropa f'konformità mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) 2021/695 u dment li ż-żieda totali fil-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun mill-inqas tikkorrispondi mill-kontribuzzjoni mill-Istati Parteċipanti msemmija fl-Artikolu 1(1).

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-partijiet rilevanti tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020, stabbilit bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2013/743/UE, u b'mod partikolari mill-Parti II "Tmexxija industrijali" u l-Parti III "Sfidi tas-soċjetà", f'konformità mal-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) 2021/695 u l-Artikolu 62(1), il-punt (c)(vii), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokatu għall-partijiet rilevanti tal-programm speċifiku li jimplementa Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2021/764⁹, u b'mod partikolari mill-Pilastru II “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea”, ir-raggruppament (vi) “Ikel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent”, u f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c)(vii), tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.”;

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) id-deżinjazzjoni mill-Istati Parteċipanti, jew mill-organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati Parteċipanti, ta' entità b'personalità ġuridika, kif imsemmi fl-Artikolu 62(1), il-punt (c)(vii) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, bħala PRIMA-IS, li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' PRIMA b'mod effiċjenti, biex tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Deċizzjoni kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Parteċipanti, fejn xieraq, u biex tiżgura li jitwettqu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' PRIMA;

(d) li PRIMA-IS turi l-kapaċità tagħha li timpimenta PRIMA, inkluż li tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) fil-qafas tal-ġestjoni indiretta tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 62 u 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

⁹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċizzjoni 2013/743/UE (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 1).

“(c) il-konformità ta’ PRIMA-IS mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;” ;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta fuq bażi kontinwa t-twettiq tal-impenji meħuda mill-Istati Parteċipanti u, **wara dik il-valutazzjoni**, tista’ tieħu miżuri xierqa, **bl-involvement tal-Istati Parteċipanti u PRIMA-IS skont kif meħtieġ, qabel ma tirrikorri għall-miżuri previsti** fl-Artikolu 9.”;

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istati Parteċipanti għandhom jagħmlu l-arranġamenti biex huma, jew il-korpi ta’ finanzjament nazzjonali tagħhom, jagħmlu kontribuzzjonijiet, finanzjarji jew *in natura*, ta’ mill-inqas EUR 325 000 000 matul il-perjodu mis-7 ta’ Awwissu 2017 sal-31 ta’ Diċembru 2031.”;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“6. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (c), li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti għandhom isiru wara l-adozzjoni tal-pjan ta’ ħidma annwali. Jekk il-pjan ta’ ħidma annwali jiġi adottat matul is-sena ta’ referenza msemmija fl-Artikolu 6(2), il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti inklużi fil-pjan ta’ ħidma annwali, jistgħu jinkludu l-kontribuzzjonijiet li jkunu saru mill-1 ta’ Jannar ta’ dik is-sena. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c), li jgħoddu bħala kontribuzzjonijiet mill-Istati Parteċipanti inklużi fl-ewwel pjan ta’ ħidma annwali, jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet li jkunu saru wara s-7 ta’ Awwissu 2017.”;

(6) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b’dan li ġej:

Artikolu 6

Attivitajiet u implimentazzjoni ta’ PRIMA

“1. PRIMA għandha tappoġġja firxa wiesgħa ta’ attivitajiet ta’ riċerka u innovazzjoni, kif deskritt fil-pjan ta’ ħidma annwali tagħha, permezz ta’:

(a) azzjonijiet indiretti fit-tifsira tar-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE)

Nru 2021/695 iffinanzjati minn PRIMA-IS f’konformità mal-Artikolu 7 ta’ din id-Deċiżjoni, prinċipalment fil-forma ta’ għotjiet wara sejħiet għal proposti tranżnazzjonali, miftuħa u kompetittivi, organizzati minn PRIMA-IS, inkluż:

(i) azzjonijiet ta’ riċerka u innovazzjoni, kif ukoll azzjonijiet ta’ innovazzjoni;

(ii) azzjonijiet ta’ koordinazzjoni u appoġġ li jiffokaw fuq id-disseminazzjoni u l-komunikazzjoni għall-promozzjoni ta’ PRIMA u biex jiġu massimizzati l-impatti tagħha;

(b) attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) li jikkontribwixxu għall-oġettivi ta’ PRIMA jew li huma direttament marbuta mal-adozzjoni ta’ riżultati minn proġetti taħt PRIMA u li jikkonsistu minn:

(i) attivitajiet magħżula wara sejħiet għal proposti tranżnazzjonali, miftuħa u kompetittivi, organizzati minn PRIMA-IS, ġestiti mill-korpi ta’ finanzjament

- nazzjonali taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti, li jipprovdu appoġġ finanzjarju prinċipalment fil-forma ta' għotjiet;
- (ii) attivitajiet taħt il-programmi nazzjonali tal-Istati Parteċipanti inkluż proġetti tranżnazzjonali.

2. PRIMA għandha tiġi implimentata abbażi ta' pjanijiet ta' ħidma annwali li jkopru l-attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' sena partikolari ("sena ta' referenza"). PRIMA-IS għandha tadotta l-pjanijiet ta' ħidma annwali sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' referenza, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni. Fl-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma annwali, kemm PRIMA-IS kif ukoll il-Kummissjoni għandhom jaġixxu mingħajr dewmien zezjed. PRIMA-IS għandha tqieghead il-pjan ta' ħidma annwali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
3. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), jistgħu jitnedew biss fis-sena ta' referenza u biss wara l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena.
4. Jekk il-pjan ta' ħidma annwali jiġi adottat matul is-sena ta' referenza, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tintuża biex tirrimborża l-kostijiet amministrattivi ta' PRIMA-IS imġarrba mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena ta' referenza f'konformita' mal-pjan ta' ħidma annwali. Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tirrimborża l-kostijiet amministrattivi ta' PRIMA-IS imġarrba mis-7 ta' Awwissu 2017 f'konformita' mal-ewwel pjan ta' ħidma annwali.
5. L-attivitajiet jistgħu jiġu ffinanzjati biss taħt PRIMA jekk dawn ikunu stabbiliti fil-pjan ta' ħidma annwali. Il-pjan ta' ħidma annwali għandu jiddistingwi bejn l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu u l-kostijiet amministrattivi ta' PRIMA-IS. Huwa għandu jipprevedi l-istimi tal-infiq korrispondenti tagħhom kif ukoll l-allokkazzjoni baġitarja għal attivitajiet iffinanzjati bil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) u għal attivitajiet iffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1). Il-pjan ta' ħidma annwali għandu jinkludi wkoll il-valur stmat tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Istati Parteċipanti, imsemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (b).
6. Il-programmi ta' ħidma annwali emendati għal sena ta' referenza u l-programmi ta' ħidma annwali għas-snin ta' referenza sussegwenti għandhom iqisu r-riżultati ta' sejħiet għal proposti preċedenti. Huma għandhom jippruvaw jindirizzaw il-kopertura insuffiċjenti ta' suġġetti xjentifiċi b'mod partikolari dawk indirizzati inizjalment fl-attivitajiet skont il-paragrafu 1, il-punt (b), li ma setgħux jiġu ffinanzjati b'mod adegwat.
7. L-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati, inklużi s-sejħiet finali għal proposti skont il-programmi ta' ħidma annwali rilevanti, għandhom jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2027. F'każijiet debitament iġġustifikati, dawn jistgħu jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2028.
8. L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti mingħajr il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) jistgħu jiġu inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali biss wara l-eżitu pożittiv tal-evalwazzjoni indipendenti esterna tagħhom minn rieżami internazzjonali bejn il-pari fir-rigward tal-obiettivi ta' PRIMA,

kif organizzata minn PRIMA-IS.

9. L-attivitajiet inklużi fil-programm ta' ħidma annwali li huma ffinanzjati mill-Istati Parteċipanti f'konformità mal-Artikolu 6(1), il-punt (b), għandhom jiġu implimentati f'konformità ma' prinċipji komuni li għandhom jiġu adottati minn PRIMA-IS, wara li tinkiseb l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Il-prinċipji komuni għandhom iqisu l-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, fit-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2021/695. PRIMA-IS għandha tadotta wkoll, wara li tikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni, ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Parteċipanti fi PRIMA-IS, inkluż fir-rigward tal-indikaturi inklużi f'kull waħda minn dawk l-attivitajiet.

10. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i), għandhom, flimkien mal-prinċipji komuni msemmija fil-paragrafu 9, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proposti għandhom ikunu għal proġetti tranżnazzjonali, bil-parteċipazzjoni minima ta' mill-inqas tliet entitajiet ġuridiċi indipendenti stabbiliti fi tliet pajjiżi differenti meqjusa li jkunu Stati Parteċipanti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni sad-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti, li minnhom:

(i) mill-inqas waħda tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat ma' Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa rispettivament u ma taqax taħt il-punt (ii); u;

(ii) mill-inqas waħda tkun stabbilita f'pajjiż terz elenkat fl-Artikolu 1(2), jew f'pajjiż terz b'konfini mal-Baħar Mediterran;

(b) il-proposti għandhom jintgħażlu wara sejħiet għal proposti tranżnazzjonali u għandhom jiġu evalwati bl-għajjn ta' mill-inqas tliet esperti indipendenti, abbażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin: l-eċċellenza, l-impatt u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni;

(c) il-proposti għandhom jiġu kklassifikati skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni. L-għażla għandha ssir minn PRIMA-IS u jenħtieġ li ssegwi dik il-klassifikazzjoni. L-Istati Parteċipanti għandhom jaqblu fuq mod ta' finanzjament adegwat li jippermetti l-akbar numru possibbli ta' proposti li jaqbru l-limitu u li għandhom jiġu ffinanzjati abbażi ta' dik il-klassifikazzjoni, b' mod partikolari billi jiġu pprovduti ammonti ta' riżerva għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali għas-sejħiet għal proposti. Fil-każ li proġett wieħed jew aktar ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati, jistgħu jintgħażlu l-proġetti li jsegwuhom direttament fil-klassifikazzjoni.

11. PRIMA-IS għandha twettaq monitoraġġ u tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha inklużi fil-pjan ta' ħidma annwali.

12. Kwalunkwe komunikazzjoni jew pubblikazzjoni relatata mal-attivitajiet ta' PRIMA, u li ssir f'kooperazzjoni ma' PRIMA, kemm jekk titwettaq minn PRIMA-IS, minn Stat Parteċipanti jew mill-korpi ta' finanzjament nazzjonali tiegħu, jew parteċipanti f'attività, għandu jkollha t-tikketta jew il-kotikketta li ġejja: “[isem l-attività] hi parti mill-programm PRIMA appoġġat mill-Unjoni Ewropea.”;

(7) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 7
Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

“1. PRIMA-IS għandha titqies bħala korp ta’ finanzjament skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u tal-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) 2021/695 u għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet indiretti msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta’ din id-Deċiżjoni f’konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolamenti rispettivi u soġġett għad-derogi stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. F’konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 u b’deroga mill-Artikolu 9(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, u mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/695, l-għadd minimu ta’ parteċipanti għandu jkun tliet entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi tliet pajjiżi differenti meqjusa bħala Stati Parteċipanti sal-iskadenza għas-sottomissjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti li mill-inqas waħda minnhom tkun stabbilita:

(a) fi Stat Membru jew f’pajjiż terz assoċjat ma’ Orizzont 2020 jew Orizzont Ewropa rispettivament u ma taqax taħt il-punt (b); u;

(b) f’pajjiż terz elenkat fl-Artikolu 1(2), jew f’pajjiż terz b’konfini mal-Baħar Mediterran.

3. B’deroga mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/695, f’każijiet debitament ġustifikati previsti fil-programm ta’ ħidma annwali, il-kundizzjoni minima għandha tkun il-parteċipazzjoni ta’ entità ġuridika waħda stabbilita fi Stat Parteċipanti sal-iskadenza għas-sottomissjoni skont is-sejħa għal proposti rilevanti.

4. B’deroga mill-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 u mill-Artikolu 23(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-parteċipanti li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament minn PRIMA-IS:

(a) kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fi Stat Parteċipanti jew maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni;

(b) kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali b’interess Ewropew, kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (12), tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 għall-attivitajiet ta’ PRIMA ffinanzjati skont l-Artikolu 3(1), il-punt (a), jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali Ewropea tar-riċerka, kif definit fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament (UE) 2021/695 għall-attivitajiet ta’ PRIMA ffinanzjati skont l-Artikolu 3(1), il-punt (b).

5. Fil-każ ta’ organizzazzjoni internazzjonali parteċipanti jew ta’ entità ġuridika parteċipanti stabbilita f’pajjiż li ma huwiex Stat Parteċipanti, li l-ebda waħda minnhom ma tkun eliġibbli għal finanzjament skont il-paragrafu 4, il-finanzjament minn PRIMA-IS jista’ jingħata sakemm waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata:

(a) il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjoni internazzjonali jew tal-entità ġuridika kkonċernata titqies bħala essenzjali minn PRIMA-IS għall-implimentazzjoni tal-azzjoni;

(b) il-parteċipazzjoni ta’ tali entitajiet hija prevista fil-programm ta’ ħidma annwali u l-possibbiltà ta’ tali finanzjament hija prevista taħt ftehim xjentifiku u teknoloġiku bilaterali jew taħt kwalunkwe arranġament ieħor li jiżgura l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, li jiġi konkluż bejn l-Unjoni u, l-organizzazzjoni internazzjonali jew, għal entitajiet stabbiliti f’pajjiż li ma huwiex Stat Parteċipanti, il-pajjiż li fih hija stabbilita l-entità ġuridika.

6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-mudell tal-ftehim ta' għotja applikabbli jista' jistabbilixxi li l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi li ma humiex Stati Parteċipanti u li jirċievu finanzjament minn PRIMA-IS għandhom jipprovdu wkoll garanziji finanzjarji xierqa.

7. L-Unjoni għandha tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jippermettu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.”;

(8) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Soġġett għal valutazzjoni *ex ante* pożittiva ta' PRIMA-IS f'konformità mal-Artikolu 154(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-għoti ta' garanziji finanzjarji adegwati f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c)(vi), ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkonkludi ftehim Qafas ta' Sħubija Finanzjarja u ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' PRIMA-IS.”;

- (b) fil-paragrafu 2, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:
“Il-Ftehim Qafas ta’ Sħubija Finanzjarja msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi konkluż f’konformità mal-Artikolu 130 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.”;
- (9) Fl-Artikolu 9 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:
“3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tittermina, tnaqqas proporzjonalment jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex tfixxkel ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli diġà mġarrba mill-Istati Parteċipanti qabel ma d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lil PRIMA IS.”;
- (10) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“1. L-awditi *ex post* tan-nefqa fuq azzjoni indiretta skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 għandhom jitwettqu minn PRIMA-IS f’konformità mal-Artikolu 29 ta’ dak ir-Regolament.”;
- (b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:
“1a. L-awditi tan-nefqa fuq azzjonijiet indiretti skont ir-Regolament (UE) 2021/695 għandhom jitwettqu minn PRIMA IS f’konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/695 bħala parti mill-azzjonijiet indiretti tal-programm Orizzont Ewropa, b’mod partikolari f’konformità mal-istrategġija tal-awditjar imsemmija fl-Artikolu 53(2) ta’ dak ir-Regolament.”;
- (11) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:
- (a) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:
“3a. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, f’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939¹⁰, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 4 ta’ dak ir-Regolament.”;
- (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3a, il-kuntratti, il-ftehimiet ta’ għotja u d-deċiżjonijiet ta’ għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li b’mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lil PRIMA-IS, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-UPPE u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet f’konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Meta l-implimentazzjoni ta’ azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kompletament jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta’ kuntratt ta’ akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt, il-ftehim ta’ għotja jew id-deċiżjoni ta’ għotja għandhom jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi fuq kwalunkwe parti terza involuta l-aċċettazzjoni espliċita ta’ dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, ta’ PRIMA-IS, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-UPPE u tal-OLAF.”;

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta’ Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1)

(c) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. PRIMA-IS għandha tagħti lill-qorti tal-awdituri nazzjonali ta’ kull Stat Parteċipanti, fuq talba tagħhom, aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istat Parteċipanti rispettiv, inkluża l-informazzjoni f’ format elettroniku, meħtieġa sabiex iwettqu l-awditi tagħhom.”;

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Fl-implimentazzjoni ta’ PRIMA, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji, amministrattivi u miżuri oħra meħtieġa biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b’mod partikolari, biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta’ kwalunkwe ammont dovut lill-Unjoni f’konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.”;

(12) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

“Artikolu 11a

Aċċess għar-riżultati u għall-informazzjoni dwar il-proposti

1. PRIMA- IS għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b’aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li tiffinanzja. Tali informazzjoni għandha tinkludi kontribuzzjonijiet u riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f’azzjonijiet indiretti, jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa meħtieġa għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki jew il-programmi tal-Unjoni jew fejn applikabbli tal-Istati Parteċipanti. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel tali informazzjoni disponibbli lill-Parlament Ewropew meta tirreferi għal azzjonijiet indiretti li jinkludu benefiċjarji stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom. Tali aċċess għandu jiġi pprovdut biss għal użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv u għandu jkun soġġett għal regoli ta’ kunfidenzjalità applikabbli.***

2. Għall-finijiet tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki jew il-programmi tal-Unjoni, PRIMA-IS għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni inkluża fil-proposti ppreżentati. Dan għandu japplika *mutatis mutandis* għall-Istati Parteċipanti rigward proposti li jinkludu applikanti stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom.”;

(13) fl-Artikolu 12, il-paragrafi 2 sa 5 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. PRIMA-IS għandha tkun regolata mill-Bord tal-Fiduċjarji, li fih huma rrappreżentati l-Istati Parteċipanti kollha. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jkun il-korp deċiżjonali ta’ PRIMA-IS.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu, wara li jikseb approvazzjoni mill-Kummissjoni, jadotta dan li ġej:

- (a) il-programm ta’ ħidma annwali;
- (b) il-prinċipji komuni msemmija fl-Artikolu 6(9);
- (c) ir-reqwiziti ta’ rapportar tal-Istati Parteċipanti lil PRIMA-IS.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jivverifika li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(3) u fl-Artikolu 4(1), il-punt (c), u għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan.

Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu japprova l-parteciċipazzjoni fi PRIMA ta' kwalunkwe pajjiż terz mhux assoċjat ma' Orizzont 2020 jew ma' Orizzont Ewropa għajr dawk elenkati fl-Artikolu 1(2), wara li jeżamina r-rilevanza tal-parteciċipazzjoni tiegħu għall-ilħuq tal-oġġettivi ta' PRIMA.

Kull Stat Parteciċipanti għandu jkollu vot wieħed fil-Bord tal-Fiduċjarji. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'kunsens. Meta ma jintlaħaqx kunsens, il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-inqas 75 % tal-voti validi mitfugħa.

L-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha tkun mistiedna għal-laqgħat kollha tal-Bord tal-Fiduċjarji bħala osservatur, u tista' tiegħu sehem fid-diskussjonijiet. Hija għandha tirċievi d-dokumenti neċessarji kollha.

3. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jiddetermina l-għadd ta' membri tal-Kumitat ta' Tmexxija, li ma għandux ikun inqas minn ħamsa, u għandu jaħtarhom. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jwettaq monitoraġġ tal-ħidma tad-direttur u jagħti parir lill-Bord tal-Fiduċjarji dwar l-implimentazzjoni ta' PRIMA mis-Segretarjat. B'mod partikolari, huwa għandu jipprovi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-baġit annwali u dwar il-pjan ta' ħidma annwali.

4. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jistabbilixxi s-Segretarjat ta' PRIMA-IS bħala l-korp eżekuttiv ta' PRIMA.

Is-Segretarjat għandu:

- (a) jimplimenta l-programm ta' ħidma annwali;
- (b) jipprovi appoġġ lill-korpi l-oħra ta' PRIMA-IS;
- (c) iwettaq monitoraġġ u jirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' PRIMA;
- (d) jiġġestixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Parteciċipanti u jirrapporta dwar l-użu tagħhom;
- (e) iżid il-viżibbiltà ta' PRIMA permezz ta' promozzjoni u komunikazzjoni;
- (f) jaħdem b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni f'konformità mal-ftehim ta' delega msemmi fl-Artikolu 8;
- (g) jiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' PRIMA.

5. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jaħtar Kumitat Konsultattiv Xjentifiku li jikkonsisti minn esperti indipendenti magħrufa, li huma kompetenti f'oqsma rilevanti għal PRIMA. Il-Bord tal-Fiduċjarji għandu jistabbilixxi l-għadd ta' membri tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku, u l-arranġamenti għall-ħatra tagħhom f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 2021/695.”;

(14) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

1. L-attivitajiet, *l-effiċjenza u t-trasparenza* ta' PRIMA, *kif ukoll l-evalwazzjoni tar-rati ta' suċċess* għandhom jiġu mmonitorjati kontinwament u għandhom ikunu soġġetti għal rieżamijiet perjodiċi biex jiġu żgurati l-ogħla impatt, eċċellenza xjentifika u l-aktar

użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi. L-eżitu tal-monitoraġġ u tar-rieżamijiet perjodiċi għandu jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tas-sħubijiet Ewropej bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, skont l-Artikoli 50 u 52 tar-Regolament (UE) 2021/695.

2. PRIMA-IS għandha torganizza l-monitoraġġ u r-rappurtar kontinwi tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħhom u r-rieżamijiet perjodiċi tal-outputs, ir-riżultati u l-impatt tal-azzjonijiet indiretti ffinanzjati implimentati f'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2021/695 u l-Anness III ta' dak ir-Regolament.

3. **Sal-31 ta' Diċembru 2025** il-Kummissjoni għandha ttwettaq evalwazzjoni interim u **sal-31 ta' Diċembru 2031** hija għandha ttwettaq evalwazzjoni finali ta' PRIMA fil-qafas tal-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, **u għandha ttwettaq evalwazzjonijiet korrispondenti għal dawk l-azzjonijiet imwettqa fl-ambitu tal-qafas ta' Orizzont 2020** f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2021/695, bl-assistenza ta' esperti indipendenti esterni magħżula abbażi ta' proċess miftuħ u trasparenti.

4. L-evalwazzjonijiet interim u finali msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jeżaminaw **ir-rati ta' suċċess u r-rati ta' assorbiment tal-Istati Parteċipanti tan-Nofsinhar tal-Mediterran, kif ukoll** kif PRIMA tissodisfa l-missjoni u l-oġġettivi tagħha, tkopri l-attivitajiet kollha tagħha u tevalwa l-valur miżjud Ewropew, l-effettività, l-effiċjenza, inkluż il-ftuħ u t-trasparenza tagħha, ir-rilevanza tal-attivitajiet segwiti, inkluż fl-industrija u mill-SMEs, **l-NGOs u s-soċjetà ċivili**, u l-konsistenza u l-komplementarjetà tagħhom mal-politiki reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inklużi sinerġiji ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa, bħal sħubijiet, missjonijiet, raggruppamenti u programmi tematiċi jew speċifiċi oħra. L-evalwazzjonijiet għandhom iqisu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati **rilevanti kollha**, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. Dawn għandhom jinkludu, fejn rilevanti, valutazzjoni tal-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura, kif ukoll ir-rilevanza u l-koerenza ta' kwalunkwe tiġdid possibbli ta' PRIMA, minħabba l-prijoritajiet ta' politika ġenerali u x-xenarju ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż il-pożizzjonament kontra inizzjattivi oħra appoġġati permezz ta' Orizzont Ewropa. Meta ttwettaq dawk l-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis bis-sħiħ l-impatt amministrattiv fuq PRIMA u għandha tfittex li tnaqqas il-piż amministrattiv u li tiżgura li l-proċess ta' evalwazzjoni jinżamm sempliċi u kompletament trasparenti.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u xxerred ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.”;

(15) jiddaħħlu l-Artikoli 14a, 14b u 14c li ġejjin:

“Artikolu 14a

Kunfidenzjalità

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11a, PRIMA-IS għandha tiżgura l-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, li d-divulgazzjoni tagħha lil hinn mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni, għandha l-potenzjal li tagħmel ħsara lill-interessi ta' PRIMA-IS, tal-membri tagħha jew tal-parteċipanti fl-attivitajiet ta' PRIMA. Tali informazzjoni kunfidenzjali għandha tinkludi informazzjoni personali, kummerċjali,

sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata.

Artikolu 14b

Kunflitti ta' interess

1. PRIMA-IS, il-korpi, il-membri u l-persunal tagħha għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.
2. PRIMA-IS għandha tadotta regoli għall-prevenzjoni, l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-persunal tagħha, tal-membri u ta' persuni oħra li jservu fi kwalunkwe wieħed mill-korpi jew mill-gruppi tagħha ta' PRIMA-IS, f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
3. PRIMA-IS għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-korpi tagħha, li għandu jinkludi l-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' attivitajiet professjonali, interessi finanzjarji u kunflitti ta' interess f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Artikolu 14c

Azzjonijiet, attivitajiet u impenji li għaddejjin

L-azzjonijiet jew l-attivitajiet ta' PRIMA-IS jew l-impenji mill-Istati Parteċipanti msemmija f'din id-Deċiżjoni mibdija jew imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013, għandhom ikomplu jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament ħliet fejn previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi █ ,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

L-inizjattiva Ewro-Mediterranja PRIMA (Šhubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran) hija promossa b' mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u minn 19-il pajjiż taż-żona Ewro-Mediterranja, li 11 minnhom huma Stati Membri tal-UE.

PRIMA għandha sinifikat ġeostrateġiku notevoli għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Filwaqt li l-programm huwa implimentat esklużivament fil-viċinat tal-Mediterran, u għalhekk jista' jidher bħala sempliċement għodda reġjonali, fl-istess ħin jaqdi prijoritajiet ġeopolitiċi li huma ta' interess kollettiv u ta' urġenza għall-Istati Membri kollha.

Billi jindirizza sfidi bħall-iskarsezza tal-ilma u l-insigurtà tal-ikel fil-viċinat tan-Nofsinhar, il-programm huwa maħsub biex iservi bħala għodda ta' diplomazija xjentifika u jiffoka fuq il-kawżi ewlenin tal-emerġenza tal-migrazzjoni, li l-impatt tagħha qed jikber dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri tan-Nofsinhar.

Ir-rapporteur jaqbel għalhekk mal-proposta tal-Kummissjoni li tinżamm miftuħa l-possibbiltà ta' šhubija anke għall-Istati Membri li għadhom mhumiex involuti fil-programm.

Il-komplementarjetà trid tiġi żgurata wkoll bejn PRIMA u strumenti u inizjattivi ta' kooperazzjoni eżistenti oħra tal-UE (bħall-Istrument il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali li daħal fis-seħħ fl-2021 u li jissostitwixxi l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u ta' Šhubija), sabiex jiġu evitati trikkib u duplikazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm.

L-abbozz ta' rapport ippreżentat mir-rapporteur huwa maħsub biex jiġu implimentati biss numru limitat ta' bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni.

Skont ir-rapport ta' evalwazzjoni interim¹¹, il-programm PRIMA wera b'suċċess il-valur miżjud tiegħu għall-politiki ta' kooperazzjoni Ewropej. Bejn l-2018 u l-2022, PRIMA ffinanzjat 202 proġetti (inklużi l-provvista tal-ilma, il-biedja u l-ikel agrikolu), b'valur totali ta' 285,7 miljun¹².

Għalhekk, ir-rapporteur jemmen li l-bidliet għandhom ikunu limitati biss għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jippermettu l-kontinwazzjoni tal-programm malajr kemm jista' jkun.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rapporteur jaqbel ukoll mal-approċċ tal-Kummissjoni li ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument.

Il-bidliet proposti jikkonċernaw prinċipalment l-oqsma li ġejjin.

L-ewwel, ir-rapporteur iqis li huwa neċessarju li jiġu emendati l-punti ta' riferiment ta' evalwazzjoni deskritti fl-Artikolu 14. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni

¹¹ Evalwazzjoni Interim tas-Šhubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA), COM (2023) 285 final

¹² Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Šhubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa

għandha twestaq evalwazzjoni interim u evalwazzjoni finali ta' PRIMA fil-qafas tal-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa, f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2021/695. Madankollu, l-azzjonijiet imwettqa fl-ambitu tal-qafas ta' Orizzont 2020 għandhom jiġu vvalutati skont l-istandards ta' evalwazzjoni ta' Orizzont 2020.

It-tieni, l-aċċess għall-informazzjoni għandu jissaħħaħ għall-Parlament Ewropew. Filwaqt li s-sorveljanza parlamentari diġà hija żgurata permezz tal-fluss tal-eżiti tal-monitoraġġ u r-rieżamijiet perjodiċi fil-monitoraġġ tas-sħubijiet Ewropej, bħala parti mill-evalwazzjonijiet ta' Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2021/695, ir-Rapporteur jemmen li PRIMA-IS għandha tipprovdi wkoll lill-Parlament Ewropew aċċess għall-informazzjoni kollha relatata mal-azzjonijiet indiretti li tiffinanzja. Tali informazzjoni għandha tinkludi kontribuzzjonijiet u riżultati tal-benefiċjarji li jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti, jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa meħtieġa għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki jew il-programmi tal-Unjoni jew fejn applikabbli tal-Istati Parteċipanti.

Punt ieħor ta' intervent jikkonċerna s-setgħat tal-Kummissjoni deskritti fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3, meta r-rapporteur iqis li l-artikolu propost il-ġdid mhuwiex ċar fir-rigward tan-natura, l-ambitu u l-firxa tal-miżuri msemmija.

ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVJET INPUT

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|--|
| Ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea |
| Il-Prof. Angelo Riccaboni, President tal-Bord tal-Fiduċjarji |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|-------------------|-------------------|-------------------|
| Titolu | Emenda tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa | | | |
| Referenzi | COM(2023)0359 – C9-0213/2023 – 2023/0207(COD) | | | |
| Data meta ġiet ippreżentata lill-PE | 28.6.2023 | | | |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 11.9.2023 | | | |
| Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET 11.9.2023 | DEVE 11.9.2023 | BUDG 11.9.2023 | ENVI 11.9.2023 |
| | LIBE 11.9.2023 | | | |
| Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | AFET 18.7.2023 | DEVE 20.9.2023 | BUDG 19.7.2023 | ENVI 17.7.2023 |
| | LIBE 13.7.2023 | | | |
| Rapporteurs Data tal-ħatra | Paolo Borchia 24.7.2023 | | | |
| Eżami fil-kumitat | 12.10.2023 | | | |
| Data tal-adozzjoni | 28.11.2023 | | | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: –: 0: | 51 2 2 | | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Nicola Beer, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Ivars Ijabs, Romana Jerković, Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Georg Mayer, Marina Measure, Iskra Mihaylova, Angelika Niebler, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Clara Ponsatí Obiols, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyraiki, Riho Terras, Patrizia Toia, Henna Virkkunen, Pernille Weiss | | | |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Pascal Arimont, Franc Bogovič, Damien Carême, Matthias Ecke, Marian-Jean Marinescu, Alin Mituța, Jutta Paulus, Massimiliano Salini, Ernő Schaller-Baross | | | |
| Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali | Francesca Donato, Peter Jahr, Virginie Joron, Ljudmila Novak, Milan Zver | | | |
| Data tat-tressiq | 29.11.2023 | | | |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| 51 | + |
|-----------|---|
| ECR | Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski |
| ID | Paolo Borchia, Virginie Joron, Georg Mayer |
| NI | Francesca Donato, Clara Ponsatí Obiols, Ernő Schaller-Baross |
| PPE | Pascal Arimont, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Peter Jahr, Marian-Jean Marinescu, Angelika Niebler, Ljudmila Novak, Massimiliano Salini, Sara Skyttedal, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Milan Zver |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Valter Flego, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Alin Mituța, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen |
| S&D | Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Matthias Ecke, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Tsvetelina Penkova, Patrizia Toia |
| Verts/ALE | Damien Carême, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa |

| 2 | - |
|----------|-----------------------------|
| ECR | Johan Nissinen, Robert Roos |

| 2 | 0 |
|----------|-----------------------------|
| The Left | Marc Botenga, Marina Mesure |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni